**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 20 – 13 ta' Ġunju 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 20. Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Robert Tabone | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |

Pubbliku: Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul, u c-chairman tal-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders Ms. Paula Valletta

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 19 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut resqet mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 19 jiġu approvati hekk kif imressqa. Hija ġiet issekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (92).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għan-Nightfest u qal li dejjem ħerqan li l-Kunsill jagħmel użu minn fondi tal-EU. Il-Kunsillier Cain Grech wieġeb li filwaqt li jaqbel mal-Kunsillier Said, kien għadu qiegħed jiġi strutturat il-pjan ta' fondi għas-snin li ġejjin u wieħed jista jikkunsidra japplika għal fondi simili meta jitħabbar l-*operational programme*.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għad-diskors tiegħu fil-ftuħ ta' Vjal il-Ħelsien, huwa qal li kien se jerġa jikteb lill-Prim Ministru dwar id-devoluzzjoni tal-skejjel tal-gvern u l-estensjoni taċ-ċens tal-ground tal-football. Is-Sindku kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill ikun aktar kredibli meta jippreżenta proġett bi pjan konkrett milli meta joqgħod jitkarrab għall-flus. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li huwa ddiskuta dawn il-pjanijiet mas-Segretarju Parlamentari Dr. Ian Borg li qal li dawk il-proġetti li jaqgħu taħt il-kappa soċjali jistgħu jiġu ffinanzjati mill-programm tal-*European Social Fund*.

2.1.3. Il-Kunsillier Philip Said qal ukoll li punt ieħor importanti fid-diskors tas-Sindku kien il-problema tad-dħul u l-ħruġ minn Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kellu l-opportunità li jiddiskuti flimkien mal-Viċi Sindku, din il-problema u problemi oħrajn mal-Onor. Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Infrastruttura fi żjara ta' korteżija li l-Ministru għamel il-Kunsill. Is-Sindku qal li fost is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm ukoll il-problemi relatati ma' Trasport Publiku, iż-żona tal-Grazzja, u l-problema tat-toroq rurali. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza wkoll għar-rapid intervention unit li kienet se titwaqqaf fi ħdan il-Ministeru.

2.1.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jinsab infurmat li hemm il-possibilta li xi toroq rurali jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-Common Agricultural Policy u talab lill-Kunsillier Cain Grech u l-Viċi Sindku biex jaħdmu fuq din il-possibiltà. Il-Kunsillier Philip Said qal li aktar ma l-Kunsill ikun kapaċi jippreżenta proġetti tajbin u realistiċi aktar hemm ċans li jintrebħu fondi. Il-Kunsillier Duncan Bartolo għamel referenza għal fondi għall-*Heritage Trail*.

2.2.1. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ikkummenta dwar l-importanza li l-Kunsill jinvesti fis-sinjali tat-toroq speċjalment fl-inħawi tal-Grazzja, kif ukoll wasal il-mument li l-Kunsill jieħu deċiżjoni konkreta fuq it-toroq tal-inħawi tal-Grazzja.

2.2.2. Il-Viċi Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill għal skema ta' parkeġġ residenzjali fiż-żona ta' Għarram u service road ta' Mdina Road. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-ħidma fuq din l-applikazzjoni twaqfet preżentament sabiex il-Kunsill jistenna l-eżitu ta' dak li qiegħed jiġri ġewwa ta' Sliema. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kienet qed isir ħidma wkoll fuq *traffic use survey* li huwa essenzjali għal skema simili.

2.2.3. Saret diskussjoni dwar iż-żona tal-Grazzja wara punt imqajjem mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' dan l-istadju l-Kunsill qiegħed jagħmel il-*lobbying* kollu possibli biex jiżdied il-*budget* għal dan ix-xogħol. Is-Sindku Alfred Grixti qal li issa li daqt ha jibda x-xogħol fuq il-Ġnien tal-Grazzja jkun xieraq li jinbeda wkoll ix-xogħol fuq it-toroq tal-inħawi wkoll.

2.3. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ġibed l-attenzjoni fuq l-istat ta' Triq Achille Ferris. Is-Sindku Alfred Grixti ta' rendikont tas-sitwazzjoni lill-Kunsilliera.

2.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf kienx hemm xi żviluppi fuq it-testijiet indipendenti li l-Kunsill kien ħa jagħmel fuq ix-xogħolijiet fi Vjal il-Ħelsien u Ħal Mula. Is-Sindku wieġeb li għad ma kien hemm l-ebda żvilupp.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva taħrika mingħand il-kuntrattur Bonnici Bros quddiem iċ-ċentru għall-arbitraġġ. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien f' kuntatt mal-avukat tiegħu. Is-Sindku spjega li l-ewwel seduta ġiet posposta.

3.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti informa lill-Kunsill li l-Kunsill intalab mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jinnomina xi żgħażagħ biex jipparteċipaw fi proġett tal-EU taħt il-proġett taħt il-Youth in Action. Il-Kunsillier Cain Grech spjega dan il-proġett u kif ħadem il-Kunsill. Il-Kunsillier Cain Grech qal li mill-persuni nominati mill-Kunsill intgħażlet Jeanelle Vella.

3.2.2. Il-Kunsillieri Roderick Aquilina u Catherine Sammut ikkummentaw li kien jieħdu gost kieku ġew infurmati qabel b' din l-opportunità. Il-Kunsilliera Sammut talbet li tkun taf x' ħa tagħti lura lil Ħaż-Żebbuġ din iż-żgħażugħa.

3.2.3. Il-Kunsillier Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex is-sinjorina Jeanelle Vella tirrapreżenta lill-Kunsill f' dan il-programm tal-Youth In Action, u li wara dan il-proġett jitressaq rapport u ssir preżentazzjoni għaż-żgħażagħ u li l-Kunsill jiffinanzja l-biljett tal-ajru. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Duncan Bartolo, Cain Grech, Catherine Sammut u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet aprovata (93).

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jkun hemm sospensjoni tal-Agenda sabiex jiġi diskuss punt 6 tal-Aġenda. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-7.45pm.

## 6. VAKANZI MAL-KUNSILL (UPDATE)

6.1. Il-laqgħa tkompliet fit-8.05pm.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-Kunsill semma r-rapport tal-bord tal-għażla u qies iċ-ċirkostanzi kollha li għandu l-Kunsill, il-Kunsill qiegħed jiddeċiedi li ma jimliex il-pożizzjoni ta' Assistant Principal Officer imma jmur mal-ewwel biex jimla l-post ta' Skrivana billi jimpjega lis-sinjorina Josiette Zarb u joħroġ sejħa għal Skrivana oħra. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Duncan Bartolo, Cain Grech, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut.

Il-mozzjoni ġiet aprovata (94).

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ġibed l-attenzjoni għal xi siġar taż-żebbuġ ġewwa Ħal Mula sabiex jinżabru. Il-Viċi Sindku qal li huwa diġa kien informa lis-Segretarju dwar dan l-ilment. Is-Segretarju wieġeb li huwa ġie nfurmat li mhux bħalissa l-perijodu taż-żbir ta' dawn it-tip ta' siġar.

4.3. Is-Segretarju wieġeb il-mistoqsijiet tal-Kunsilliera dwar il-pagamenti.

4.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Hija ġiet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet; I**l-Kunsillier Roderick Aquilina astjena fuq items 6, 7.

Il-pagamenti ġew approvati (95)

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex iħaffu fix-xogħol fuq il-preparazzjoni tal-korsijiet tal-kompjuter.

## 5. APPELL TENDER TINDIF TAŻ-ŻONI MHUX URBANI (UPDATE)

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera li hekk kif ġie spjegat fl-aħħar laqgħa l-Kunsill talab kjarifika lill-Bord tal-Appelli dwar id-deċiżjoni tagħhom. Is-Segretarju qal li t-tweġiba tal-bord kienet waħda xotta u ma tispjegax eżatt x' azzjoni għandu jieħu l-Kunsill.

5.2. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li fil-korrispondenza minn naħa tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv għamel numru ta' mistoqsijiet relevanti li kien jimmeritahom li jiġu mwieġba.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien jippreferi li kieku l-bord tal-appell jtih deċiżjoni ċara bil-miktub sabiex il-Kunsill jimxi fuqha. Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li l-avukat tal-Kunsill jiġi mqabbad jikteb lill-bord tal-appell u jitolbu direzzjoni ċara.

5.4. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill iqabbad lill-avukat tiegħu sabiex jitlob kjarifika uffiċjali lill-bord tal-appelli. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-Kunsilliera George Cortis, Duncan Bartolo, Cain Grech, Catherine Sammut u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Roderick Aquilina.

Il-mozzjoni ġiet aprovata (94).

## 7. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

7.1. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li l-kuntrattur il-ġdid tal-knis veru qiegħed jaħdem tajjeb u bil-għaqal u anke t-tindif fil-bandli qiegħed isir tajjeb. Kien hemm kunsens ġenerali fost il-Kunsilliera li s-servizz tjieb.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Spettur Zammit spiċċa minn Ħaż-Żebbuġ u s-Sindku xtaq jirringrazzja lis-Spettur Zammit tas-servizz li ta' lill-Kunsill.

7.3. Il-Kunsillier George Cortis ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' tindif taż-żona ta' wara Santa Marija.

7.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-ismijiet tat-toroq ġodda li għadhom bla isem. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibda l-kuntatti mal-Street naming committee. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li huwa kien se jikteb lill-Ministru tal-Intern sabiex tiġi kkunsidrata li l-biċċa tat-triq tal-Kunsill tiġi msemmija għal Frans Sammut.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-11 ta' Lulju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |